**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-5 ta' Ottubru, 2018**

**Rikors nru: 324/18 AJV**

A

vs

B

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mirr-rikorrent fil-5 ta' Lulju, 2018 li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

Illi l-kontendenti zzewgu fid-9 ta' Gunju, 1990 (certifikat taz-zwieg anness bhala Dokument A) u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, C li twieled fit-28 ta' Awwissu, 1995 (illum 22 sena), Dokument B huwa c-certifikat tat-twelid u D li twieldet fis-17 ta' Frar, 1998 (illum ta' 19-il sena), Dokument C huwa c-certifikat tat-twelid.

Illi z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrimedjabilment tant li l-partijiet ilhom li sseparaw u dan permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr.Elizabeth Sciriha datat 30 ta' Mejju, 2016, dokument D.

Illi intant il-partijiet ilhom *de facto* sseparati ghal aktar minn erba' snin, tant li l-kawza ta' separazzjoni kienet ilha miftuha mis-sena 2012.

Illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

Illi ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet u ma hemm ebda manteniment dovut ghat-tfal.

Illi l-attrici tixtieq tipprevalixxi ruhha mid-dritt li titlob u tottjeni d-divorzju u dan ai termini tal-Art.66A u Artikoli sussegwenti tal-Kodici Civili.

Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:-
Previa kull dikjarazzjoni li tkun necessarja tiddikjara u tordna li z-zwieg ikkuntratta bejn il-partijiet fid-9 ta' Gunju, 1990 jigi ddikjarat xolt ai termini tal-Artikolu 66A u Artikoli sussegwenti tal-Kodici Civili.

BL-ispejjes kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-intimat li ddikjara illi hu m'ghandu ebda oggezzjoni ghat-talbiet attrici, salv li hu m'ghandux ibati l-ispejjes.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi pprovaw illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-30 ta' Mejju, 2016. Madanakollu minkejja li m'ghaddewx erba' snin minn meta gie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni, jibqa' l-fatt li l-proceduri ta' separazzjoni kienu nfethu fis-sena 2012 u li ghalhekk, zgur huwa li minn dakinhar ma kien jezisti ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u dam jmur

oltre it-trapass ta' erba' snin rikjesti mil-ligi. Illi r-rikorrenti pprovaw ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba tal-partijiet u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta
2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.
3. Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall-gurnata millum.

L-ispejjes jibqghu bla taxxa.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**